MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 42

13 ta' Settembru 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 42 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 13 ta' Settembru 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 41 li saret fit-23 ta' Awwissu 2010, u għalhekk ġew iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett – "*Two Coasts - One Europe*" (P/10/6)

2.1.2. Sar aċċenn għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika għadda nofs is-somma approvata bħala kofinanjament għall-ewwel parti tal-proġett imsemmi li żvolġiet f'Elblag fil-Polonja. Is-somma totali approvata tammonta €3,000.

2.1.3. Is-Sindku rrefera għat-tieni parti tal-proġett MT- 1.1-06 -2010-R1 li twettaq f'Malta bejn l-1 u l-10 ta' Ġunju 2010. Huwa ppropona li l-Kunsill għandu jħallas it-80% tal-ispejjeż tal-ivjaġġar li għamlu ż-żgħażagħ Pollakki biex ġew Malta. Dan għandu jsir minħabba l-pressjoni li qed issir biex min-naħa tagħhom u li għadda żmien konsiderevoli. Dan minkejja li għad jridu jiġu rkuprati mill-Aġenzija għall-Programmi tal-Unjoni Ewropea (EUPA).

2.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa fil-minuta 2.1.3.

### 2.2.1. Pjan għall-Iżvilupp Rurali - Miżura 313 u 323 – *Heritage Trail* f'Selmun (P/10/3)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi l-Kunsill u l-Aġenzija tal-Pagament fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, fl-10 ta' Settembru 2010 iffirmaw il-ftehim li permezz tiegħu l-aġenzija approvat €330,000 bħala spejjeż li huma eliġibbli taħt il-Miżura 323 li 70% minnhom (€225,000) ser jagħmel tajjeb il-fond tal-EAFRD; 25% (€75,000) u €30,000 mill-Kunsill Lokali. Parti minn din l-allokazzjoni ser tiġi mgħoddija fi ftit tal-jiem oħra, fil-kont li nftetaħ mill-Kunsill mal-Bank of Valletta.

2.2.3. Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-Aġenzija tal-Pagamenti ser titlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tirrijalloka Fondi Strutturali sabiex iżżid il-fondi disponibbli taħt il-Miżura 313 biex aktar 'il quddiem ikunu jista' jitwettqu proġetti li ġew approvati, iżda li temporanjament tpoġġew fil-lista ta' stennija.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Stedina mill-Kunsilli Lokali ta' Adenau (K/1/5/Vol IV)

2.3.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ż-żjara f'Adenau li seħħet bejn is-27 u t-30 ta' Awwissu 2010, fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mill-iffirmar tal-ġemmellaġġ tagħhom mal-lokalita` Franċiża ta' Sillery, kienet suċċess, kif jista' jixhed il-grupp ta' 23 persuna li ħadu sehem. Huwa qal ukoll li kien hemm kummenti tajbin mis-Sindku ta' Adenau Arnold Hoffmann u uffiċjali oħra tal-istess kunsill.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 11/08/10 – 07/09/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 04/08/10 – 16/08/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 17/08/10 – 01/09/10
- *Purchase Request Form* – 07/09/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Laqgħa mal-G.R.T.U. dwar il-Maniġġ tat-Traffiku fit-Toroq Ewlenin – 01/09/10
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 24/08/10

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Green Challenge and Cummunity Involvement Awards* (T/12/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal Memo 119/2010 tas-26 ta' Awwissu 2010, mibgħut mid-Dipartment ghall-Gvern Lokali fejn intqal illi bħala parti mill-miżuri li l-Gvern qed jieħu skond il-politika ta' Lokalitajiet Sostenibbli, għat-tieni sena konsekuttiva qed titnieda l-iskema bi premju *Local Council Green Challenge and Community Involvement Awards*. Din is-sena s-somma vvutata hi ta' €180,000, li tinkludi l-premju li ser jingħata lir-rebbieħa. Ġie spjegat li l-kunsilli lokali li ser japplikaw taħt din l-iskema jridu jidentifikaw inizjattivi li jkunu ħadu bejn Settembru 2009 u Settembru 2010, liema inizjattivi jkunu waslu biex jitjiebu l-ambjent fiżiku u dak soċjali fil-komunita`. **L-applikazzjonjiet iridu jaslu d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, sa mhux aktar tard mit-3.00 pm tal-Ġimgħa 22 ta' Ottubru 2010.**

4.1.3. Is-Sindku ppropona li n-nomina tal-Kunsill Lokali Mellieħa għandha tkun sostanzjata permezz tal-inizjattivi li ġejjin:

- L-isforzi li saru biex il-Bajja tal-Għadira kisbet l-istatus ta' *Beach of Quality*, bil-għan aħħari li anke jinkiseb l-istatus ta' *Blue Flag*;
- Il-kontribut biex jinfetaħ iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, *Night Shelter* u *Respite Centre* f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa;
- L-isforzi li saru biex inkisbu fondi taħt il-*European Agriculture Funds for Rural Development (*EAFRD), intiżi biex jinħoloq *heritage trail* u jitjieb l-ambjent fiżiku fl-inħawi ta' Selmun u l-Imġiebaħ; u
- L-edizzjoni tal-Iljieli Melleħin 2010 bil-parteċipazzjoni tat-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa.

4.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 4.2.1. Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011 (S/4/2/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għal Memo 121/2010 tat-3 ta' Settembru 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema msemmija. Fl-istess memo ntqal li l-Gvern għal darb'oħra qed jerġa' jalloka mill-ġdid € 60,000 biex jgħin lill-Kunsilli Lokali jniedu inizzjattivi

sportivi fl-2011. Il-Kunsilli Lokali nteressati huma mitluba jibgħatu l-applikazzjoni tagħhom sa mhux aktar tard mill-5.00 pm tal-Ġimgħa 15 ta' Ottubru 201

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba bil-għan li jingħataw fondi għas-sehem li jagħti l-Kunsill fl-organizzazzjoni tal-Festival Sportiv ta' Lulju 2011; iċ-*Challenge Cup* tal-Futbol li ser issir f'Awwissu 2011; u l-parti sportiva tal-Iljieli Melleħin 2011 .

### 4.3.1. Sentenzi tal-Qorti li jinvolvu xogħol fil-komunita` (A/8/2)

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat l-1 ta' Settembru 2010, mibgħuta mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, dwar tliet persuni li ġew misjuba ħatja ta' atti vandali fuq il-Foresta 2000 f'April 2010. It-tliet persuni weħlu 300 siegħa ta' xogħol lill-komunita` u €1,000 kull wieħed. L-istess *e-mail* intbagħat wara laqgħa li saret mal-*Probation Officers* Antonella Spagnol u Matthew Fleri Soler flimkien mal-Kunsillier J. Azzopardi u s-Segretarju C. Debono fejn intweriet ix-xewqa li x-xogħol komunitarju jiġi eżigwit flimkien mal-Kunsill Lokali fejn twettaq ir-reat

4.3.3. Ġie spjegat li l-eta` tat-tliet ġuvintur tvarja bejn l-għoxrin u l-erbgħa u għoxrin sena. Wieħed minnhom huwa bla xogħol u għaldaqstant ikun disponibbli mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Minħabba raġunijiet ta' xogħol iż-żewġ persuni l-oħra jistgħu jaħdmu biss fil-ġranet tas-Sibt u tal-Ħadd. Dawn ikunu mistennija li jattendu darba fil-ġimgħa fejn iwettqu bejn ħamsa u tmien sigħat xogħol, skond il-ħtieġa. Tagħrif dwar x'ikun mistenni mill-Kunsill u l-Kunsill x'għandu jistenna mill-Uffiċċju tal-*Probation* ġie diskuss matul il-laqgħa li saret, fejn anke ġie mgħoddi tagħrif bażiku fuq l-Ordni ta' Servizzi fil-Komunita`.

4.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li ma jaqbilx li l-persuni konċernati jiskontaw is-sentenza tagħhom fl-istess lokalita` fejn wettqu r-reat.

4.3.5. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-persuna illi huwa diżokkupat għandu jiġi assenjat xogħol mal-ħaddiema tal-IPSL u tal-*Community Work Scheme* mħaddma mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u t-Taħriġ. Fir-rigward taż-żewġ ħaddiema l-oħra, li għandhom impjieg, kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu assenjati xogħol ta' tindif u manutenzjoni ħafifa fil-ġonna fi tmiem-il-ġimgħa sal-massimu ta' tliet mitt siegħa kull wieħed.

### 4.4.1. Ipparkjar fi Triq Anthony Sammut (T/3/2/Vol X)

4.4.2. Inqrat *e-mail* datata 10 ta` Settembru 2010, mibgħut minn resident, fejn qed jilmenta li hemm nuqqas ta' faċilitajiet għall-ipparkjar fi Triq Anthony Sammut, minħabba li l-ġurnata kollha din tkun mimlija bil-karozzi tal-linja li suppost jinżammu fil-garaxxijiet li hemm fl-istess triq. L-istess persuna lmenta li resident ieħor jippretendi li jkollu post fiss fejn jipparkja u għalhekk jitlob lil residenti oħra biex ineħħu l-vetturi tagħhom ħalli huwa jkun jista' jipparkja l-vettura tiegħu.

**4.4.3.** Il-Kunsill innota li l-persuna illi lmentat qed titlob li tingħata *reserved parking area*, liema talba ma tistax tiġi milqugħa. Kien hemm qbil li dan huwa każ li jitlob infurzar tal-liġi min-naħa tal-Pulizija.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 7 ta' Settembru 2010.

5.3. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-*Item* 47 fl-istess skeda u staqsa fiex tikkonsisti n-nefqa proposta li ssir għand il-Media Today Ltd. Ġie spjegat li din in-nefqa hija ntiża sabiex tingħata pubbliċita` lill-Iljieli Melleħin 2010 u tipprovdi kif jidher hawn taħt:

- Avviżi fil-gazzetti "MaltaToday" u "Illum" tal-5 ta' Settembru 2010;
- Avviż fil-"MaltaToday" tat-8 ta' Settembru 2010;
- Artiklu fil-magazin "Il-Pjazza" bi prominenza fl-ewwel paġna; u
- Artikli bil-Malti u l-Ingliż fil-ġurnali "Illum" u "MaltaToday", rispettivament.

5.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-11 ta' Awwissu u s-7 ta' Settembru 2010.

6.3. Tressquwkoll żewġ Skedi ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li flimkien kienu jkopru bejn l-4 u l-1 ta' Settembru 2010.

6.4. Il-Kunsill approva l-iskedi msemmija u għalhekk ġew iffirmati.

**7.1. *Resurfacing* ta' Triq il-Kbira bejn Triq in-Naħal u Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/13/Vol XI)**

7.2. Is-Segretarju fakkar li l-kuntrattur konċernat diġa beda l-kuntatti ma' Transport Malta sabiex titwettaq it-tielet fażi tar-*resurfacing* ta' Triq il-Kbira li tinvolvi l-parti li tinsab bejn Triq in-Naħal u Triq Ġorġ Borg Olivier. Sabiex ikompli l-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni jeħtieġ li jitfassal pjan dwar kif għandu jiġi mdawwar it-traffiku sakemm din il-parti tat-triq tkun magħluqa waqt li jkun għaddej ix-xogħol, kif ukoll issir laqgħa mal-entitajiet li għandhom is-servizzi fl-istess triq. Ġiet imsressqa wkoll proposta li permezz tagħha t-traffiku jkun jista' jidħol fi Triq il-Kbira sa Triq in-Naħal, filwaqt li jkun jkompli fi triqtu lura minn Triq Lewis Wettinger, Triq il-Mitħna l-Gdida, Triq il-Wied, Triq Ġnien Ingraw, Triq is-Santwarju, Triq l-Erwieħ u jkompli fi Triq il-Marfa.

7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li:

- Triq il-Mitħna l-Ġdida għandha tiġi mneħħija mir-rotta tal-karozzi tal-linja sejrin lejn il-Belt, u minflok għandu jsir użu minn Triq Qasam Barrani;
- l-*parking* għandu jiġi pprojbit fi Triq is-Santwarju;
- Triq il-Wied għandha ssiru *one-way* bit-tabelli "*No Entry*" kantuniera ma' Triq Ġnien Ingraw; u
- Triq Ġnien Ingraw issir *one-way*, bejn Triq San Publiju u Triq il-Wied, bit-tabelli *No Entry* kantuniera ma' Triq il-Wied.

7.4. Ġie deċiż li għandha tissejjaħ laqgħa dwar l-immaniġġjar tat-traffiku li jattendu għaliha, rappreżentanti minn Transport Malta, l-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, il-*Contract Manager* u l-kuntrattur Central Asphalt Ltd.

**8.1. Xiri ta' servizzi b'rabta ma' applikazzjonijiet u rappurtaġġ dwar proġetti ffinanzjati taħt il-programmi tal-Unjoni Ewropea (C/3/1)**

8.2. Is-Segretarju qal li qed tinħass il-ħtieġa li l-Kunsill jkollu servizz ta' konsulenza dwar il-mili ta' applikazzjonijiet sabiex jitwettqu inizjattivi u attivitajiet bis-saħħa ta' programmi bħalma huma *Europe for Citizens* u l-*Youth in Action* tal-Unjoni Ewropea. Huwa qal ukoll li tali servizzi huma wkoll meħtieġa sabiex jiġu sottomessi rapporti wara li jitwettqu l-attivitajiet u jiġu rilaxxjati l-fondi.

8.3. Is-Sindku stqarr li kien hemm każ fejn is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli silef persuna biex tgħin Kunsill Lokali partikulari jieħu ħsieb jimmaniġġja l-proċeduri ta' din ix-xorta.

8.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha tinkiseb stima sabiex tiġi finalizzat il-Proġett Mellieħa Nights 2010 taħt il-*Europe for Citizens Programme*.

8.5. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mas-Segretarjat Parlamentari sabiex tiġi assenjata persuna li tkun tista' tmexxi dawn il-proċeduri fuq bażi permanenti.

**9.1. *Post Mortem* – Iljieli Melleħin 2010 (A/5/3/5/Vol II)**

9.2. Is-Sur R. Cutajar stqarr li huwa jqis li l-attivitajiet marbuta mal-Iljieli Melleħin 2010 kienu suċċess, kemm mil-lat ta' konkorrenza mill-pubbliku, kummerċ ġenerat, parteċipazzjoni mil-lokalitajiet ġemellati, kif ukoll l-organizzazzjoni. Kompla jgħid li kien hemm minn kien xettiku minn dan is-suċċess, peress li l-attivitajiet bdew eżatt wara li għaddiet il-Festa tal-Vitorja. Intqal ukoll li kien ta' sodisfazzjon li attendew diversi personalitajiet bħal Prim Ministru Lawrence Gonzi, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali Chris Said; il-Kelliemi tal-Partit Laburista dwar il-Kunsilli Lokali l-Onor. Stefan Buontempo, li rrappreżenta l-Kap tal-Opposizzjoni waqt is-serata tal-ftuħ minħabba li kien indispost fid-9 ta' Settembru. Fl-istess serata attenda d-Deputat *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati l-

Onor. Ċensu Galea. Fil-11 ta' Settembru filgħodu attendiet ukoll delegazzjoni mill-Partit Laburista li żaret il-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ, Ġnien Dun Anton Debono fejn kien qed isir il-mural minn artista minn Cavriglia, kif ukoll fil-Bitħa tas-Santwarju u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Flimkien mas-Sindku ta' Cavriglia Ivano Ferri, attendew ukoll żewġ sindki oħra mil-lokalitajiet tal-qrib, kif ukoll is-Sindku ta' Adenau Arnold Hoffmann u l-Viċi Sindku ta' Agia Napa. Attendew ukoll id-Direttur Ġenerali tal-General Retailers & Traders Union Vince Farrugia u uffiċjali oħra mill-istess *union*.

9.3. Iċ-ċerimonja tat-tħawwil ta' siġar fil-Park tal-Familja, il-*workshop* dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart, it-tnedija tal-ktieb *"Quest for Identity – The Mellieħa Experience"* intlaqgħu tajjeb ħafna. Is-sehem tal-artisti Melleħin, flimkien ma' dawk Taljani, Ġermaniżi u Ċiprijotti kien apprezzat mill-pubbliku u dan kien ta' sodisfazzjoni għall-istess artisti. Intqal ukoll li x-xogħlijiet tal-arti ma kienu ikkonċentrali biss fil-Bitħa tas-Santwarju, għaliex waħda mill-artista Taljani pinġiet mural fuq il-ħnejjiet fi Ġnien Dun Anton Debono.

9.4. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li l-kċina riżervata għall-ikel Malti tat xi ftit tal-problemi billi entitajiet kummerċjali fi Triq il-Kbira baqgħu nċerti sal-aħħar jekk kienux ser jarmaw jew le, u għalhekk sar kuntatt mal-Mellieħa Scout Group. L-iScouts ma' kienux f'posizzjoni lanqas li jarmaw din il-kċina u għalhekk sar kuntatt mas-Societa` Filarmonica La Vittoria, li aċċettaw.

9.5. Il-Kunsill J. Buttigieg ikkummenta li Triq Ġorġ Borg Olivier ingħalqet kmieni wisq, liema miżura setet ħolqot inkonvenjent mingħajr ħtieġa. Is-Sindku qal li dan seta kien il-każ, iżda kull minn attenda ma kellux problemi bit-traffiku, bħalma kien hemm fil-Festa tal-Vitorja. Il-Kunsillier E. Bartolo ndika l-postijiet fejn kien hemm Pulizija u Gwardjani Lokali, u qal li kien ikun tajjeb li nħolqot sistema ta' *park-and-ride* fil-parkeġġ li hemm qrib il-*roundabout* ta' Selmun permezz tat-*trackless train*.

9.6. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li d-distanza bejn il-palki kienet żgħira wisq, tant li n-naħa ta' fuq ta' Triq Ġorġ Borg Olivier ma kinitx daqshekk iffrekwentata mill-pubbliku li attenda. Huwa qal li, jekk huwa teknikament possibbli għandha tinħoloq *link* bejn palk u ieħor, biex il-pubbliku jkun jaf x'ikun ghaddej fid-diversi postijiet oħra. B'dan il-mod, il-pubbliku ikun f'posizzjoni li jbiddel il-post skond il-gosti tiegħu. Inġibdet l-attenzjoni li l-operaturi ta' ristoranti u barijiet fi Triq il-Marfa lmentaw li mhux qed jibbenefikaw mill-attivitajiet li qed jiġu organizzati kif isir minn stabbilimenti oħra fi Triq Ġorġ **Borg Olivier u Misraħ il-Parroċċa.**

9.7. Il-Kunsillier P. Cutajar aċċenna li l-*istreet performers* li kien hemm fiż-żewġ edizzjonijiet preċedenti kienu nieqsa biex jimlew l-ispażji li kien hemm bejn il-palkijiet.

9.8. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li huwa jara illi kien hemm waqtiet meta s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kellu jkun miftuħ. Aċċenna wkoll għall-kontribut tal-artisti li ntlaqgħa tajjeb mill-pubbliku. Kompla jgħid li, bħalma sar fil-każ tal-mural fi Ġnien Dun Anton Debono, ix-xogħol li sar bil-ħadid li jirrappreżenta l-Madonna bil-Bambin mill-artist Taljan Carmelo Librizzi u l-iskultura fl-injam mill-Ġermaniż Rudolf Schneider għandhom jintwerew b'mod permenenti f'post pubbliku. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li dawn għandhom jingħataw trattament protettiv u jitpoġġew fil-Park tal-Familja fejn sar it-tħawwil tas-siġar mill-uffiċjali tat-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa fil-11 ta' Settembru.

9.9. Is-Sindku għarraf li flimkien mal-i*sponsors* li saret referenza għalihom fis-seduta preċedenti kien hemm Green MT Ltd, li għaddiet is-somma ta' €1,000 b'risq l-attivitajiet msemmija.

## 10.1. Arranġamenti għall-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol V)

10.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna li minkejja l-laqgħa li saret qabel il-Festa tal-Vitorja mal-għaqdiet konċernati, mas-Supretendent u l-Maġġur tal-Pulizija tad-Distrett, il-kontroll tat-traffiku kien wieħed fqir ħafna. Fost in-nuqqasijiet li ġew innutati kien hemm Triq Qasam Barrani u Triq il-Kbira li t-tnejn ingħalqu mill-kantuniera ma' Triq Lewis Wettinger. Minbarra li dan ma kienx kif kien miftiehem, il-Pulizija u l-Gwardjani Lokali li kien hemm jassistuhom ma kinux familjari mal-Mellieħa.

10.3. Is-Sur E. Bartolo qal li jeħtieġ ukoll li fil-permess illi jinħareġ lill-bejjiegħa tal-ġugarelli fil-Festa, għandu jkun hemm kundizzjoni li tipprojbixxi l-bejgħ ta' *sting bombs* li jikkawzaw inkonvenjent bl-irwejjaħ. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Pulizija malajr kemm jista' jkun.

10.4. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir lejn it-tieni nofs ta' Ottubru 2010.

10.5. Is-Sindku rrefera għal inċident li seħħ fis-sede tal-Societa` Filarmonica La Vittoria fit-8 ta' Settembru 2010 għall-ħabta tat-3.15pm, fejn numru ta' Pulizija mmexxija mill-Assistent Kummissarju R. Zammit ordnaw illi titwaqqaf il-mużika li kienet qed tindaqq. Ittieħdu wkoll id-dettajli ta' xi nies li kienu preżenti wara li l-istess uffiċjali intlaqgħtu b'xi xorb li xxerred fuqhom minn persuna jew persuni li kienu preżenti. Fid-9 ta' Settembru, il-Pulizija talbu lill-Kunsill jgħaddulhom kopji tal-permessi kollha li nħarrġu b'rabta mal-jiem tal-Festa.

## 11.1. Użu tal-faċilitajiet fl-Iskola Primarja (S/3/6)

11.2. Is-Sindku rrefera għall-inċident li ġara fit-2 ta' Settembru 2010, waqt SkolaSajf organizzata mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa, fejn tifel weġġa serjament wara li waqa' minn għoli ta' sular minn fuq il-blat li hemm fuq naħa waħda tal-bitħa. Billi qed jiġi allegat li t-tifel daħal fil-parti fejn jinżamm l-apparat sportiv użat fil-logħob tal-basketball u n-netball wara l-ħin tal-iskola, l-awtoritajiet tal-iskola waqqfu arbitrarjament l-użu tal-istess faċilitajiet mill-għaqdiet sportivi konċernati.

11.3. Il-Kunsillier H. Fenech stqarr li l-bieb fejn hemm l-apparat imsemmi jissakkar bil-katnazz kull meta jintuża. Matul is-sajf l-istaġun tal-basketball u n-netball jieqaf għal diversi ġimgħa, filwaqt li l-aħħar darba illi ntuża kien issakkar bħas-soltu. Huwa lmenta li mhux sewwa li dan l-inċident qed jintuża mill-awtoritajiet tal-iskola sabiex ma jsirx użu mill-iskola wara l-ħin. Huwa saħaq li wieħed ma jridx jinsa li kemm-il darba tiġi nnutata xi ħaġa li tista' tikkawża periklu, hemm l-i*staff* tal-iskola li jrid jiġbed l-attenzjoni u jieħu passi biex titħares is-saħħa u s-sigurta` tat-tfal u l-istess impjegati. Is-Sur Fenech qal ukoll li minn kellu d-dover li jieħu ħsieb it-tfal għandu jittieħed in konsiderazzjoni.

11.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jidher illi d-deċiżjoni dwar l-użu tal-faċilitajiet wara l-ħin tal-iskola ttieħdet b'mod arbitrarju u għalhekk wieħed għandu jara x'inhi l-*policy* tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

11.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa mal-uffiċjal konċernat fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni fil-preżenza ta' rappreżentanti mill-Kunsill Malti għall-Isports. Kien hemm qbil li jista' jiġi kkunsidrat illi l-użu tal-faċilitajiet fil-bitħa jkun regolat bl-istess mod kif jintużaw is-Sala tal-Komunita` u l-*Video Room* tal-Iskola, fejn hemm persuna mpjegata mad-Diviżjoni li titħallas biex tara li jkun hemm sigurta` u ma ssirx ħsara.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2010, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**